MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 426/2004

**Lawrence Farrugia**

**vs**

**Daniel Chircop**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00) rapprezentanti hlas ta' kambjala mahruga mill-konvenut a favur ta' l-attur;**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-23 ta' Marzu, 2004, fejn intqal :**

**Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-kambjala hija nulla peress illi mhux iffirmata mit-traent ;**
**Illi bla pregudizzju l-ammont dovut huwa ferm inqas ;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Lawrence Farrugia, Daniel Chircop u Rita Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob il-hlas ta' tmien mija u hamsin lira (Lm850) rapprezentanti hlas fuq kambjala kopja ta' liema giet esebita a fol 2 tal-process. Din il-kambjala kienet giet iffirmata mill-istess konvenut.**

**2. L-attur kien iffirma l-kambjala in kwistjoni u esebixxa l-original ta' l-istess Dok LF 1.**

**3. Il-konvenut jallega illi kien ihallas pagamenti gieli direttament mill-paga tieghu u gieli kien ighaddihom lill-ommu biex tghaddihom lill-attur.**

**4. Il-konvenut gharaf il-firma tieghu fuq il-kambjala. Il-konvenut ammetta li mit-2 ta' Mejju, 2003 ma hallas xejn iktar lill-attur. Fil-fatt il-kambjala hija datata 2 ta' Mejju, 2003.**

**5. Omm il-konvenut Rita Attard xehdet illi kien minnu illi l-konvenut kien ighaddilha pagamenti ta' hamsin lira (Lm50) biex tghaddihom lill-attur. Hi tammetti illi kull ma ghaddietlu kienu l-hlasijiet indikati fid-Dok CD 1 referibbli ghas-sena 2001. Wara ma ghaddietlux aktar flus ghalkemm il-konvenut kien jaghtiha l-flus biex thallas u kif xehdet hi "it-tifel kien jahseb li qed nghaddilu l-pagamenti lill-attur".**

**6. Il-kambjala tirrizulta li hi valida u li l-ammont hu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u hamsin lira (Lm850). Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut. Salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut kontra terzi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------